MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 300/2006

**Billboard Advertising Limited C 27899**

**vs**

**Dr Renzo Porsella Flores bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lis-socjeta` estera Portland International Limited nominat skond digriet tal-25 ta` April 2006**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta’ April 2006 fejn s-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenut nominee ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ elf tliet mija u sittax-il lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,316.28) rapprezenta’nti billboards mibjugha u kkonsenjati lill-istess socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-konsenja 1 ta’ Jannar 2005 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut nominee prezentata fil-15 ta' Mejju 2006 fejn irrileva li ma jaf xejn dwar il-kaz u li ser jaghmel l-almu tieghu biex jikkomunika mas-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta ulterjuri da parti tal-kovenut nominee datata 10 ta' Ottubru 2006 fejn eccepixxa l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 741 u 742 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet inkluz tal-Kuratur Deputat.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2007 fejn il-partijiet informaw lit-Tribunal li jista' jghaddi wkoll ghas-sentenza finali fuq il-meritu prevja l-esitu tad-decizjoni fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut nominee.

Ikkunsidra.

L-artikoli 741 u 742 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka sitwazzjonijiet fejn il-Qrati Maltin (inkluz it-Tribunal) ghandu jkollhom gurisdizzjoni fuq il-meritu ntavolat. Fit-trattazzjoni tieghu l-Kuratur Deputat jallega li t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni fuq dan il-meritu odjern peress li s-socjeta' konvenuta hija wahda estera u ma jirrizulta li ghandha ebda proprjeta hawn Malta. Bir-rispett kollu lejn il-Kuratur Deputat l-artikoli tal-ligi precitati minnu stess imorru ferm oltre dak minnu trattat.

Illi minn semplici ezami tal-artikolu 742 kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ghandu jirrizulta li dan it-Tribunal jista' jissokta jisma` dan il-kaz certament a bazi tas-segwenti artikoli tal-ligi cioe 742 (1) (a) (e).

Illi ghar-rigward il-mertu proprju it-talba attrici tinsab ampjament ippruvata tramite l-affidavit ta' Andre Borg u d-dokumenti minnu esebiti.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut nominee u jiddikjara li ghandu gurisdizzjoni li jissokta fis-smiegh ta’ dan il-kaz a bazi tal-artikoli tal-ligi precitati;

Fit-tieni lok u fuq il-meritu t-Tribunal qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici peress li tinsab soddisfacentement ippruvata u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ Lm1,316.28 bl-imghax legali dekorribbli mill-1 ta’ Jannar 2005 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu tal-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------